

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 227/2012

tal-15 ta' Marzu 2012

dwar l-awtorizzazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30117) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jistabbilixxi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' din l-awtorizzazzjoni.
- (2) Skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30117). Dik l-applikazzjoni kienet akkumpanjata mill-partikolaritajiet u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30117) bħala addittiv fl-għalf għall-ispeċi kollha tal-annimali, li għandu jiġi klassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi teknoloġiċi".
- (4) L-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità"), fl-opinjoni tagħha tas-16 ta' Novembru 2011 ⁽²⁾, ikkonkludiet li, bil-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30117) ma għandhiex effett ta' ħsara fuq is-saħħa tal-annimali, is-saħħa

tal-bniedem jew l-ambjent, u li l-użu tal-preparazzjoni għandu l-potenzjal li jtejjeb il-produzzjoni tas-silage mill-foraġġi kollha billi jnaqqas il-pH u jżid il-preservazzjoni tal-materja. L-Awtorità tqis li wara t-tqegħid fis-suq ma hemmx bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi ta' monitoraġġ. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodu ta' analiżi tal-addittivi fl-għalf imressaq mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

- (5) Il-valutazzjoni tal-*Lactococcus lactis* (NCIMB 30117) turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif stabbiliti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma sodisfatti. Għalhekk, l-użu ta' din il-preparazzjoni għandu jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (6) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness, li tiffurma parti mill-kategorija ta' addittivi "addittivi teknoloġiċi" u mill-grupp funzjonali "addittivi tas-silage", hija awtorizzata bħala addittiv fl-għalf tal-annimali, suġġetta għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Marzu 2012.

Għall-Kummissjoni

Il-President

José Manuel BARROSO

⁽¹⁾ ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

⁽²⁾ EFSA Journal 2011; 9(12):2448.

ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija ta' animali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħra	Tmien il-perjodu ta' awtorizzazzjoni
						CFU /kg ta' materja friska			
Kategorija ta' addittivi teknoloġiċi. Grupp funzjonali: addittivi tas-silage									
1k2083	—	<i>Lactococcus lactis</i> (NCIMB 30117)	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Preparazzjoni ta' <i>Lactococcus lactis</i> (NCIMB 30117) li fiha minimu ta' 5×10^{10} CFU/g ta' addittiv</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p><i>Lactococcus lactis</i> (NCIMB 30117)</p> <p><i>Metodu analitiku</i> ⁽¹⁾</p> <p>Enumerazzjoni fl-addittiv tal-għalf: metodu bi pjanċi tat-tferriġh bl-użu ta' MSR agar (ISO 15214)</p> <p>Identifikazzjoni: Elettroforeżi bil-Ġell f'Kamp Pulsat (PFGE).</p>	L-ispeċi tal-annimali kollha	—	—	—	<ol style="list-style-type: none"> 1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u t-taħlita ta' qabel, indika t-temperatura li fiha għandu jinħażen, u kemm jista' jdum maħżun. 2. Id-doża minima tal-addittiv meta użata ma' taħlita ta' mikroorganiżmi oħrajn bħala addittivi tas-silage: 1×10^8 CFU/kg ta' materjal frisk 3. Għal finijiet ta' sikurezza: huwa rakkomandat li tintuża protezzjoni għall-immnifsejn u par ingwanti waqt l-immagnigġjar. 	il-5 ta' April 2022

(1) Id-dettalji dwar il-metodi analitiċi jinsabu fis-sit li ġej tal-Laboratorju ta' Referenza: http://irmm.jrc.ec.europa.eu/EURLs/EURL_feed_additives/Pages/index.aspx